MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 370/2005

**N. Calleja Trading Enterprises Ltd (C 16998)**

**Vs**

**Sovereign Caterers Limited (C28364)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u hamsin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm1,658.71) prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tas-socjeta konvenuta, kif jirrizulta mill-istatements annessi mal-avviz bhala Dok A, B, C, u D.

Bl-ispejjes u bl-imghax inkluzi dawk ta' Mandat ta' Sekwestru Numru 1305/05 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz u markati Dok A sa Dok D (fol 2 sa fol 9 ibid)

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1658.71,0 bl-imghax legali 'a scaletta' skond l-imsemmija dokumenti a fol 2 sa fol 9 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 1305/05

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------